MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 335/2012

**Appell Nru. 335/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Benjamin Muscat**

**Illum 17 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 272971 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Settembru 2011 ghall-habta ta' 11.40 hrs waqt li kien fuq il-bahar f'inhawi tal-Gzejjer ta' San Pawl saq opra tal-bahar b'numru ta' registrazzjoni SSR-122736 u saq din l-opra tal-bahar b'velocita` eccessiva ta' iktar minn ghaxar mili nawtici gewwa l-kosta f'xi post il-gewwa minn 200 metru 'l boghod minn xi parti ohra ta' xtajta u dan bi ksur tar-Reg. 25(c) u Reg. 45 tat-Tielet Skeda, L.S 499.52.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li tinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita` li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista` jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg. 26 u Reg. 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Gunju, 2012, li biha, wara li rat ir-Regolamenti 25(c), 26 u Regolament 45 tat-Tielet Skeda L.S 499.52 Avviz Legali 183/2008 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati u ghaldaqstant illiberatu.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi biex tiddeciedi l-appell skond il-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti ma lliberatx lil-appellat l-ghaliex kienet tal-fehma illi fix-xhieda tieghu s-Sur Pendry, bhala l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni, ma kienx kreddibli jew inkella minhabba l-fatt illi x-xhieda tieghu ma kelliex mis-sewwa izda lliberat lill-appellat l-ghaliex kienet tal-fehma illi *"l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma wasslux sal-grad rikjest mil-ligi ghal*

*sejbien ta' htija u dana l-ghaliex l-prosekuzzjoni qed tillimita ruhha biss li tipproduci xhieda li jaghtu opinjoni u ma jaghtux fatti, haga li fil-kamp tal-ligi kriminali hija ghal kollox inammissibli ……. Il-Qorti assolutament ma tista' qatt tasal ghal sejbien ta' htija fuq opinjoni ta' xhud, meta din l-anqas biss hija bbazata fuq ebda fatt ikkonstatat kif trid il-iigi."*

Illi ghaldaqstant kif jirrizulta b'mod inekwivoku mis-sentenza appellata, l-appellat gie lliberat mill-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu in vista tal-fatt, illi fil-fehma tal-Ewwel Onorabbli Qorti, x-xhieda mghotija mill-uniku xhud ghall-prosekuzzjoni, Mr. L. Pendry, fil-kapacita' tieghu ta' rapprezentant ta' Transport Malta, ma kinitx tirrelata l-fatti dwar il-kaz de quo izda effettivament kienet limitata ghall-opinjoni tal-istess xhud dwar l-istess l-kaz.  U dana l-ghaliex l-istess xhud iddikjara illi l-appellat kien ghaddej b'velocita' eccessiva lampanti f'distanza li zgur kienet t'anqas minn mitejn metru minn kwalunkwe punt tal-bajja meta l-ufficjali t'infurzar ma kellhomx makkinarju biex tigi kkalkulata b'ezattezza l-velocita' u d-distanza tal-opra tal-bahar in kwistjoni. In vista ta' dan, hekk kif intqal izjed 'il fuq, l-ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat illi x-xhieda tieghu ma tirrelatax fatti izda opinjoni u ghaldaqstant mhijiex ammissibli bhala prova ai termini tal-Kodici Kriminali.

Illi l-esponent jibda billi jiddikjara illi f'dan l-appell mhuwiex qieghed jigi kkontestat l-
principju regulatur fejn l-uniku x-xhieda li jistghu jaghtu l-opinjoni esperta taghhom waqt it-testimonjanza taghhom quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali huma biss periti li jkunu gew mahtura minn Qorti ta' kompetenza kriminali ai termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali u li fin-nuqqas ta' tali nomina minn Qorti kompetenti, xhieda esperta migjuba ex parte li jaghtu opinjoni dwar kwalunkwe haga huma inammissibli ai termini tal-ligi fil-kamp penali.

Illi madanakollu bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent ma jaqbilx mas-sentenza appellata meta ddikjarat illi x-xhieda ta' Sur Pendry mhijiex wahda ammissibli l-ghaliex fit-testimonjanza tieghu s-Sur Pendry

esprima biss l-opinjoni tieghu. Dana l-ghaliex fl-umli fehma tal-esponent fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti s-Sur Pendry bl-ebda mod ma ta xhieda esperta izda xehed dwar il-fatti tal-kaz hekk kif gew ikkonstatati minnu. Il-fatt li persuna tixhed dwar il-fatti tal-kaz hekk kif ikkonstatati minnha personalment (hekk kif ghamel l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni) zgur ma jfissirx illi dina qeghda taghti opinjoni.

Illi di piu' irid jinghad illi dak li huwa inammissibli skond il-ligi taghna hija opinjoni ta'
xhieda esperti li jkunu tqabbdu ex parte u dana l-ghaliex l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jistipula illi meta jkunu mehtiega tali esperti ghandha tkun propju l-Qorti li tappunta tali esperti. Issa l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, perizja ghandha tigi ordnata *'fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali'*. Ghaldaqstant l-esponent huwa tal-fehma illi ai termini tal-Kodici Kriminali espert jew perit ghandu jigi nominat sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar xi materja partikolari meta tkun tinhtieg hila jew sengha specjali BISS. Issa fix-xhieda tieghu x-xhud principali tal-prosekuzzjoni L. Pendry, bhala rapprezentant ta' Transport Malta, iddikjara illi l-appellat kien gie mwaqqaf minnu fil-kapacita' t' ufficjal t'infurzar l-ghaliex ra lill-appellat ghaddej b'velocita' eccessiva lampanti f'distanza li zgur kienet t'anqas minn mitejn metru minn kwalunkwe punt tal-bajja. Ghaldaqstant l-esponent issaqsi jekk persuna ghandhiex bzonn xi hila jew sengha specjali biex tgharaf li opra tal-bahar tkun ghaddejja minn gewwa l-kosta b'velocita' eccessiva?!! Bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti ma hemmx bzonn t'espert biex jikkonstata tali fatt, dan jista' jkun ikkonstatat minn kulhadd. Ghaldaqstant bir-rispett kollu meta s-Sur Pendry kien qieghed jixhed dan ma kienx qieghed jaghti opinjonii jew xhieda esperta izda kien qieghed jillimita ruhu biex jixhed dwar il-fatti hekk kif ikkonstatahom huwa personalment. B'konsegwenza
ta' dan l-ewwel Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma kinitx korretta meta ddikjarat illi x-

xhieda tas-Sur Pendry kien wahda inammissibli ai termini tal-ligi.

Illi ghalkemm huwa minnu illi fil-kaz odjern ma intuzax makkinarju specifiku biex ikun maghruf b'ezattezza l-velocita li l-bastiment zghir kien ghaddej bih u d-distanza ta' kemm talli bastiment kien 'il boghod minn xi punt tal-bajja relattiva, n-nuqqas ta' tali prova ma ghandhiex bir-rispett kollu twassal sabiex jigi ddikjarat inammissibli dak ix-xhud illi fl-ebda hin ma prova jghid b'ezattezza l-velocita' li kienet ghaddejja biha l-opra tal-bahar in kwistjoni izda fix-xhieda tieghu llimitata ruhu biss ghall-fatt illi tali opra tal-bahar kienet ghaddejja b'velocita` eccessiva lampanti. Fl-opinjoni tal-esponent galadarba jigu kkonstatati il-fatt suesposti minn kwalunkwe persuna u dana jixhed ai il-fini ta' dan quddiem Qrati ta' kompetenza kriminali dana ghandu jigi kkunsidrat bhala xhieda dwar il-fatti kkonstatati personalment u cioe' hekk kif rahom f'dak il-mument dak ix-xhud partikolari u mhux opinjoni tal-istess xhud. B'hekk ix-xhieda tas-Sur Pendry, fl-opinjoni tal-esponent. hija wahda ammissibli u l-Ewwel Onorbbli Qorti kellha d-dmir u dover li tikkunsidraha ai fini ta' sejbien ta' htija o meno fl-appellat.

Illi l-esponent jaghmel ukoll referenza ghar-regolament 45(2) tai-Avviz Legali 183 tal-2008 hekk kif en-iendat jill jistipula procedura specjali ghai dawk ir-reati msemmija fl-ewwel kolonna tat-Tielet Skeda, liema regolament ghaldaqstant huwa applikabbli ghar-reati addebitati fil-konfront tal-appellat. F'dan ir-regolament, il-legislatur jistipula illi

*"Kull ufficjal ta' l-!nfurzar li fil-fehma tieghu jkun twettaq reat jista' jwaqqaf il-bastiment zghir uzat fl-ghemil tar-reat u jiehu d-dettalji ta' sid jew is-sewwieq tal-bastiment zghir, tal-bastiment zghir u reat."*

Illi ghaldaqstant dan ir-regolament jaghmilha cara illi l-ufficjal tal-infurzar ai fini t'infurzar ma ghandhux bzonn xi makkinarju specifiku li jkun bl-ezattezza l-velocita' tal-bastiment zghir jew inkella d-distanza tal-istess minn max-xatt sabiex ikun jistgha jwaqqaf persuna li tkun qed tikser ir-regolamenti stipulati fl-Avvizz Legali numru 183 tas-

sena 2008. L-istess regolament lanqas ma jirrikjedi xi hila jew setgha specjali biex l-ufficjal ta' l-infurzar jiddetermina precizament il-velocita' li biha kien ghaddej il-bastiment iz-zghir u d-distanza tal-istess minn max-xatt. Dan ir-regolament hawn fuq citat jaghmilha cara li l-bastiment ghandu jigi mwaqqaf u jittiehdu l-partikolaritajiet tar-reat meta skond il-fehma tal-ufficjal ta' l-infurzar ikun gie kommess reat u dana dejjem fuq dawk il-fatti li jkun ikkonstata hu personalment. Allura l-esponent issaqsi jekk jaghmilx sens illi l-ligi taghti l-poter lill-ufficjali t'infurzar iwaqqfu lil dawk l-opri tal-bahar li fil-fehma taghhom ikunu qeghdin jikkommettu reat meta imbaghad l-istess ufficjali ma jitqiesux bhala xhieda ammissibli quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali sabiex jiddikjaraw x'kienu l-fatti tal-kaz hekk kif ikkonstati minnhom u dana l-ghaliex skond is-sentenza tal-ewwel Qorti hija opinjoni ergo mhux ammissibli bhala prova?!! Bir-rispett kollu, f'dan ir-rigward l-esponent jerggha jtenni illi l-fatt li persuna tixhed dwar il-fatti tal-kaz hekk kif ikkonstatati minnha ma jfissirx illi jkun qieghed jaghti opinjoni ai termini tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant tali xhieda hija wahda ammissibbli quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Settembru, 2011 ghal habta ta' 11:40 hours l-appellat Benjamin Muscat gie osservat minn ufficjali ta' l-infurzar fi hdan it-Transport Malta waqt li kien fuq il-bahar fl-inhawi tal-gzejjer ta' San Pawl illi kien qed isuq opra tal-bahar b'velocita eccessiva b'tali mod illi teccedi l-limiti stipulati fil-Ligi partikularment ta' aktar min 10 mili nawtici u dan gewwa l-kosta partikularment f'post 'il gewwa minn 200 metru l-boghod minn xi parti tax-xatt. L-ufficjal ta' l-infurzar waqqfu lill-appellat, hadulu d-dettalji u nbdew proceduri kontra tieghu. Permezz ta' Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Gunju, 2012 l-appellat gie lliberat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-agravju principali tieghu huwa ghal fatt illi l-ewwel Qorti ddikjarat ix-xhieda ta' l-Enforcement Officer Lee Pendri bhala opinjoni u ghalhekk

dehrilha illi dina ma kienetx ammissibbli u konsegwentament illiberat lill-appellat.

Ikkunsidrat.

Meta Lee Pendri, Transport Malta Enforcement Officer tela' jixhed quddiem din il-Qorti ddikjara biss illi ma seta' jiftakar xejn dwar dan l-incident. Provi ohra fil-konfront ta' l-appellat ma ngabux.

Ikkunsidrat.

Meta Lee Pendri tela' jixhed quddiem l-ewwel Qorti dana qal illi ra lill-appellat ghaddej bi speed eccessiv. Ma setax pero' jikkalkola kemm kien dan l-ispeed u kemm kien oltre l-ispeed stabbilit mill-Ligi. Bhala xhieda dina hija accettabli u ma tistax titqies bhala opinjoni la gejja minn Enforcement Officer illi huwa mpjegat u nkarigat sabiex jassigura illi l-limiti tal-velocita jkunu rispettati fi kwalunkwe hin madwar ix-xtajta ta' Malta. Kemm pero' wiehed jista joqghod fuq xhieda bhal din meta l-velocitajiet ikunu marginali u jistghu facilment ma jkunux eccessivi l-Qorti ma jidrilhiex illi f'dawn ic-cirkostanzi wiehed jista' jasal ghal konvinciment morali dwar htija ta' persuna. Din il-Qorti ppruvat tiehu aktar informazzjoni mis-sur Pendri meta dan tela' jixhed quddiemha, pero' ma seta' jiftakar xejn u ghalhekk l-ebda nformazzjoni ohra ma nghatat. Konsegwentament din il-Qorti m'ghandiex dak il-konvinciment morali sabiex tasal ghall-htija ta' l-appellat u thoss quindi illi d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fic-cirkostanzi kienet wahda korretta.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appella u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------